

# **Adolexxenti**, *Joe Friggieri*

## Il-poeta

Joe Friggieri huwa professur tal-Filosofija fl-Università ta' Malta. Twieled fl-1946. Friggieri huwa kittieb ta' bosta kotba, kemm dawk relatati mal-Filosofija kif ukoll novelli u drammi. Friggieri għandu għal qalbu l-lingwa Maltija għaliex għaqqad il-Filosofija mal-Malti fil-kitbiet akkademiċi tiegħu. Huwa wkoll poeta ta' lirika sempliċi iżda profonda fl-istess ħin.

## Il-poeżija

- ✓ Poeżija dwar l-adolexxenza u l-emozzjonijiet li ġġib magħha – żmien sabiħ li jkollu l-mumenti koroh tiegħu wkoll.
- ✓ Il-poeta jagħtina kważi dak kollu li tgħaddi minnu tfajla f'żgħożitha – ħolm, dwejjaq, dubji u l-eċċitament u l-innoċenza tal-ewwel imħabba.
- ✓ It-tfajla mhijiex identifikata bl-isem u għalhekk tista' tirrappreżenta lil kull tfajla oħra.
- ✓ L-**enfasi** huwa **fuq dan il-perjodu partikolari tal-ħajja** għalhekk it-titlu huwa din il-kelma partikolari "Adolexxenti" li ġejja minn adolexxenza.
- ✓ It-tfajla toħlom b'esperjenzi li għad iġġarrab fil-futur u wkoll b'idoli u persuni famużi li qatt ma ltaqgħet magħhom.
- ✓ Il-poeta juri kif fl-adolexxenza huwa normali li ma tħossokx kuntent bik innifsek u li ħafna drabi jiġu mumenti ta' dwejjaq u inċertezzi għax donnu ħadd ma jifhem.
- ✓ Jinħass element ta' **solitudni**.
- ✓ L-akbar emozzjoni tkun l-iskopertà tal-imħabba li twassal għal ħafna ħolm u emozzjonijiet ġodda.
- ✓ Element ta' **ironija**, hekk kif it-tfajla tpinġi l-qlub bil-vleġeġ tal-imħabba u għadha ma tafx li 'l quddiem tassew jista' jkun li l-imħabba tweġġagħha.

## It-teknika u l-metrika

- ✓ Poeżija moderna
- ✓ Versi mħallta (taħlita ta' tulijiet l-iżjed kwinarji, senarji u settenarji)
- ✓ M'hemmx rima

## Termini Letterarji

- ✓ **Enjambment:** sentenza li tibda f'vers u tkompli f'vers ieħor warajh.

  **Eż.** ______________________________________________

  ______________________________________________

- ✓ **Sinkope:** it-tneħħija ta' sillaba min-nofs ta' kelma biex tinżamm il-mewġa ritmika u t-tul tal-vers.

  **Eż.** ______________________________________________

➢ **Noti oħra u eżempji ta' figuri tat-taħdit (similitudni, personifikazzjoni u metafora)**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## Ftit analiżi waħdek



1. X'inhi l-atmosfera fl-ewwel strofa tal-poeżija? X'hemm li juri dan?
2. Xi jridu jfissru d-dmugħ tat-tfajla quddiem il-mera?
3. Fit-tieni strofa nsibu personifikazzjoni.

    a) Iktibha

    b) X'inhu l-effett li trid toħloq?

4. Fl-aħħar strofa hemm element ta' ironija dwar l-imħabba. Ikkwota u spjega fi kliemek.